**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 64/2020**

**NV**

**-vs-**

**JC**

**Illum 11 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' JC ai termini tal-Artikolu 836(1)(d)(f) u 836(8)(c)(d) illi ppremetta:**

Illi l-esponenti gie notifikat bil-mandat tà sekwestru succitat ghas-somma tà hmistax-il elf ewro (€15,000) li sar mis-sekwestranti Nv.

Illi bejn il-partijiet hemm kawza quddiem din il-Qorti bin-numru 28/2017/BS differita ghat-30 tà Settembru 2020, fejn Nv qeghdha titlob li jigi mhassar u revokat id-digriet moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni tal-Familja tat-2 tà Lulju 2016, fl-atti tà kawza ohra bejn l-istess partijiet bin-numru 302/12/AL in kwantu dik il-Qorti ordnat lill-istess Nv sabiex thallas l-ispejjez kollha tà l-edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri tal-iskola St. Martin's College fejn jattendi. Dan id-digriet ghadu fis-sehh.

Illi l-fatti fil-qosor u kif suffragati mill-atti tal-kawza numru 302/12/AL (kopji annessi) huma kif gej:

- Fit-3 tà Settembru 2014, Nv talbet lill-Qorti tal-Famija tawtorizzaha tbiddel l-iskola tà binha minn St. Edwards College ghal Chiswick House School (kopja tar-rikors annessa);

- Fl-10 tà Ottubru 2014, giet ipprezentata Nota kongunta tal-partijiet fejn Nv kienet obbligat ruhha fl-atti "li ser tkun esklussivament responsabbli ghal kwalunkwé spejjez relatati mal-edukazzjoni, trasport u attivitajiet extrakurrikulari tal-minuri gewwa c-Chiswick House School, sakemm l-istess minuri jibqà jattendi din l-iskola" [emfasi tas-sottoskritt] (kopja tal-obbligazzjoni annessa);
- B'digriet tas-27 tà Ottubru 2014, il-Qorti fid-dawl tan-Nota kongunta tal-partijiet tal-10 tà Ottubru 2014, stante li kien intlahaq ftehim fuq dan il-

meritu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors (kopja tad-digriet annessa);

- Illi permezz tà rikors iehor tal-14 tà Gunju 2016, Nv pproponiet talba ohra fejn talbet lill-Qorti tordna lill-esponenti jiffirma kull dokument mehtieg sabiex il-minuri jissokta l-edukazzjoni tieghu f'St. Martin's College li hi parti mill-istess skola Chiswick House School, u fin-nuqqas tawtorizza lilha tiffirma d-dokumenti kolha mehtiega minghajr il-htiega tal-firma tal-esponenti. Mar-rikors gie anness dokument 'NVX1' li jghid car li "Eric Camilleri's continuation in education is merely moving buildings and not schools. CHS (Chiswock House School) and SMC (St. Martin's College) are one educational community." [emfasi tas-sottoskritt] (kopja tar-rikors bid-dokkument annessi);

- Illi b'digriet tat-2 tà Lulju 2016, il-Qorti laqghet t-talbiet tà Nv, u ordnat lil Nv "thallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri f'din iskola." (kopja tad-digriet annessa).

Illi *nonstante* l-obbligazzjoni li saret minn Nv fl-atti tal-kawza 302/12/AL u nonostante li l-iskola Chiswick House School u St. Martin's College huma skola wahda kif ikkonfermat mid-dokument 'NVX1' u binhom Eric Camilleri baqà jattendi fl-istess istituzzjoni edukattiva, Nv qeghdha tattakka qudddiem dina l-Onorabbli Qorti permezz tal-kawza 28/2017/BS id-digriet tal-Qorti tal-Familja tat-2 tà Lulju 2016, u a bazi tà din il-kawza hi pprocediet biex titlob il-hrug tal-mandat biex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

Fid-Digriet wara r-Rikors numru 336/05 fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju Numru 494/05 mahrug fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet : Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart, moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Lulju 2005, inghad illi l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu imsemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta) u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat.

Illi huwa evidenti mis-suespost u mid-dokumenti esibiti mà dan ir-rikors li fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat li sar minn Nv u ghandu jigi mhassar gha kollox. Inoltre, u ferm aghar minn hekk, is-sekwestranti lanqas biss taghat spjegazzjoni prima facie tà kif waslet ghas-somma ezorbitanti tà hmistax-il elf ewro (€15,000) meta kien obbligu taghha li turi bil-provi kemm kienu l-ispejjez tal-edukazzjoni tà Eric Camilleri li hi nkorriet fl-iskola St. Martin's Collega almenu tas-snin skolastici 2017, 2018 u 2019 minn meta hareg id-digriet tal-Qorti tal-Familja'l hawn. Il-mandati kawtelatorji jinhargu fuq ir-responsabbilità tà min jitlob il-hrug taghhom, u min jitlob il-hrug taghhom huwa passibbli tas-sanzjonijiet tal-ligi

jekk jigi rikonoxxut li l-mandat gie ottenut ingustament. Ic-cirkostanzi kollha juru prima facie li l-mandat inkiseb ingustament u l-ammont mitlub mhuwiex prima facie gustifikat oltre l-fatt li huwa wkoll eccessiv.

Illi fid-dawl tal-obbligazzjoni li kienet saret mis-sekwestranti stess fl-atti tal-kawza 302/12/AL esibita li taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tat-tifel kemm idum jattendi fl-istess skola, l-esponenti jsostni li l-mandat sar b'malizzja u jimmerita li s-sekwestranti tigi kkundannata ghll-hlas tal-penali. Inoltre c-cirkostanzi tal-esponenti mhumiex tali li kellhom jaghtu lok ghal xi dubbju ragonevoli dwar il-likwidità tal-esponenti jew dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas kemm-il darba l-ordni tal-Qorti jkollha tinbidel bil-kawza li s-sekwestranti qeghdha taghmel quddiem din il-Qorti. Konsegwenza tà dan il-mandat il-Kontijiet kollha tal-esponenti nkluzi dawk tan-negozju tieghu, gew issekwestrati. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha senjatament r-riferenza ghall-atti tal-kawza 302/12/AL hawn esibiti u b'mod partikolari l-obbligazzjoni li saret mis-sekwestranti fl-atti tà dik il-kawza proprju dwar il-hlas tal-ispejjez li dwarhom ghamlet il-mandat, l-esponenti jemmen li hemm lok li din il-Qorti tapplika l-pensali fil-konfront tas-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 836(8) u fil-massimu taghha. Kif kostantement gie ritenut mill-Qrati illi: "Il-penali hija wahda ta' ordni pubbliku immirata biex tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix l-istat tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz." – (ara Refalo vs Calibre Consultants et, deciza fit-13 ta' Awwissu 2015, u l-gurisprudenza hemm citata).

**Talab lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

i. tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-6 tà Lulju 2020, u thassar ghal kollox il-mandat tà sekwsetru ghar-ragunijiet imsemmija that l-Artikolu 836(1)(d)(f) tal-Ka. 12, u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv;

ii. tikkundanna lil Nv ghall-hlas tal-penali taht l-Artikolu 836(8)(c)(d) tal-Kap. 12.

**Rat ir-risposta ta' Nv illi eccepiet:**

Illi nhar is-6 ta' Lulju, 2020 hija ipprezentat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Jc sabiex tikkawtela s-sorte ta' €15,000 rapprezentanti a*mmont likwidat ghal finijiet ta' dan il-mandat bhala kawtela ghall-pretensjoni ta' l-esponenti illi tinstab dedotta fil-kawza bir-rikors mahluf bin-numru: 28/2017/BS fl-ismijiet premessi u senjatament is-sehem ta' nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri, inkluzi l arretrati u/jew kull ammont jew somma illi l-esponenti kellha tohrog u tizborza minflok is sekwestrat kif ahjar spjegat f' dik il-*kawza;

Illi fil-kawza illi ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 28/2017/BS l-esponenti qeghda titlob dan illi gej u cjoè illi dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qeghda titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. *Tbiddel, tirriforma u tvarja d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Lulju, 2016 billi thassru u tirrevokah limitatament in kwantu dik il Qorti ordnat lill-esponenti thallas l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni tal-minuri f'St. Martin's College u tikkonfermah fil-bqija; u*

2. *Tikkonferma dak pattwit bejn il-kontendenti fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2008 awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti u b'mod parikolari in kwantu gie maqbul u miftiehem illi l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri; u*

3. *Konsegwentament tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat u ghandu jhallas is-sehem ta' nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri, tillikwida tali sehem ta' nofs mill-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri, inkluzi l-arretrati u/jew kull ammont jew somma illi l-esponenti kellha tohrog u tizborza minflok il-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' kwalunkwe mandat kawtelatorju ipprezentat mill-esponenti u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.*

Illi r-retroxena ghal dawn il-proceduri huwa, fil-qasir, illi l-kontendenti kienu mizzewgin u isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2008 awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti. Miz-zwieg bejn il-kontendenti twieled tifel, illum guvnott, Eric Camilleri illi daqt jaghlaq hmistax (15)-il sena. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, apparti illi kellu jhallas manteniment bir-rata ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar fl-ewwel ta' kull xahar bil-quddiem rapprezentanti l-kontribuzzjoni tieghu ghall-ispejjez mehtiega dwar il-minuri, liema rata ta' manteniment kellha tizdied fl-ewwel ta' kull sena skond l-gholi tal-hajja, Jc kellu wkoll ihallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni. Dak iz-zmien il-kontendenti kienu jghixu Ghawdex. Sussegwentament, l-esponenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti illi hija tigi awtorizzata tghix Malta u tirregistra lill-minuri Eric Camilleri fi skola gewwa Malta u dina l-Onorabbli Qorti b'digriet moghti minnha nhar it-23 ta' Lulju, 2009 laqghet it-talbiet ta' l-esponenti u ipprovdiet bil-mod li jirrizulta minn dak id-digriet. Minn hemm Jc beda battalja legali qalila kontra l-esponenti dwar il-jedd tieghu ta' access u dana bi proceduri mibdija minnu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bir-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet Jc v. Nv li bhalissa ghadhom pendenti. Matul l-andament tal-kawza imsemmija u senjatament b'rikors ipprezentat mill-esponenti nhar l-14 ta' Settembru, 2014 hija kienet talbet illi tigi awtorizzata li tibdel l-iskola tal-minuri Eric Camilleri minn St. Edward's College ghal Chiswick House School. Jc ma kienx oggezzjona izda kien stqarr li huwa ma ghandux mezzi bizzejjed u talab li jinstemghu il-provi dwar kemm huma l-ispejjez involuti. Dan il-process s'intendi kien ser ifisser tul ta' zmien u illi l-minuri Eric Camilleri jitlef il-bidu tas-sena skolastika. Kien ghalhekk illi l-esponenti qablet li tigi ipprezentata nota kongunta li biha tobbliga ruhha li tkun responsabbli wahedha ghall-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni, transport u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri gewwa Chiswick House School sakemm l-istess minuri jibqa' jattendi tali skola. Fis-sena skolastika

ta' qabel ma nfethet il-kawza fil-mertu, il-minuri Eric Camilleri kellu jibda l-"year 6" u dana mhux gewwa l-iskola Chiswick House School izda gewwa St. Martin's College. Jc ma iffirmax id-dokumentazzjoni mehtiega fir-rigward. L-esponenti ipprezentat rikors fl-atti tal-kawza hawn fuq imsemmija nhar l-14 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu talbet lill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tidderiegi lil Jc sabiex, entru zmien qasir u perentorju, moghti lilu ghaldaqshekk jiffirma kull dokument mehtieg sabiex il-minuri Eric Camilleri jissokta fl-edukazzjoni tieghu gewwa St. Martin's College u f'kaz illi huwa ma jottemperax ruhu ma' tali ordni fiz-zmien moghti lilu ghaldaqshekk, tawtorizza lill-esponenti wahidha tiffirma l-istess dokumenti minghajr il-htiega tal-firma ta' Jc. Jc wiegeb illi l-esponenti ghandha thallas l-ispejjez kollha. B'digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-2 ta' Lulju, 2016 dik il-Qorti laqghet it-talbiet ta' l-esponenti izda ipprovdiet illi l-esponenti thallas l ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni tal-minuri f'din l-iskola. L-esponenti qeghda ghalhekk tikkontesta d-digriet u titlob konferma tal-kuntratt ta' separazzjoni awtorizzat minn dina l Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet illi jissemmew fir-rikors mahluf li bih bdiet il-kawza fil mertu;

Illi dan huwa r-retroxena fattwali li fi ftit kliem jista' jinghad illi huwa dwar missier illi ma jridx ihallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni li obbliga ruhu li jhallas fil-kuntratt ta' separazzjoni u dwar omm li ghall-ahjar interessi tat-tifel taghha taqbad u biex ma ttellifx skola lil binha thallas u tobbliga ruhha li thallas purchè l-missier jiffirma. Imbaghad wara il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) dwar stadju edukattiv ulterjuri tordna li l-esponenti thallas wahedha b'digriet *pendente lite* avolja ma ghandhiex talba fil-mertu li tiggustifika tali digriet u allura evidentement marret e*xtra petita u ultra petit*a. Il-premju li l-esponenti hadet talli rabbiet lill-minuri u taghtu edukazzjoni mill-iprem huwa illi tigi ordnata mill-qorti thallas wahedha u tehles lill-missier mill-obbligu li dahal ghalih fil-kuntratt ta' separazzjoni. Dak huwa il-mertu tal-kawza. Mhuwiex barra minn loku li jinghad li dwar il mod kif inghataw certu digrieti l-esponenti gjà rebhet kawza kostituzzjonali fejn jinghad li l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kisritilha d-drittijiet fundamentali taghha;

Illi spjanat tali terren, l-esponenti twiegeb ghat-talbiet imressqa issa minn Jc billi topponihom bl-akbar qawwa u dan kemm ghal ragunijiet ta' natura prettament legali kif ukoll ghal ragunijiet ta' natura fattwali u senjatament:

1. Ezami *prima facie*

Illi dak illi Jc qieghed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti taghmel huwa illi tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu illi huwa ressaq ghat-talba fil-mertu li l-esponenti ghamlet. Dan il-gudizzju huwa rimess ghall-kawza fil-mertu u ma jista' qatt ikun deciz permezz ta' talba maghmula b'rikors ghal revoka ta' mandat kawtelatorju. Ir-ragunijiet moghtija minn Jc ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju huma kollha d-difiza tieghu fil mertu tal-kawza. Huwa qieghed jitlob decizjoni anticipata dwar il-mertu bir-rikors ghal revoka imressaq minnu;

Illi apparti l-fatt illi hemm hafna gurisprudenza illi tghid illi tali tip ta' ragunijiet mhux lok illi jigu mistharrga fl-atti ta' rikors ghal revoka ta' mandat kawtelatorju, huwa fatt illi tali talba hija mhux biss prematura izda perikoluza billi dak illi qieghed jaghmel Jc huwa illi jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha dwar il-mertu b'mod illi jista' jigi anticipat u b'hekk pregudikat dak illi ghandu jigi deciz fis-sentenza finali taghha fil kawza fil-mertu;

Illi l-esponenti taghmel referenza ghal dak illi gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti civili fid digriet moghti minnha nhar il-5 ta' Frar, 2015 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Kontro Mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1787/14 mahrug fil-11 ta' Novembru, 2014 fl-ismijiet: More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), More Supermarkets (Mosta) Limited, More Supermarkets (Fgura) Limited, More Supermarkets (P'Ville) Limited (C61504) u D More Holdings Limited v. Alexander Farrugia (ID 99676M), Ryan Schembri (ID 450878M), Adrian Agius (ID 328078M) u Cassar & Schembri (Marketing) Limited (C33174) u b'mod partikolari:

*Tqis illi fir-rigward tal-proceduri li jsiru ai termini tal-imsemmi Artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba ghamlitha cara illi hija b'ebda mod ma ghandha tidhol fil-fond tal vertenza ghaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna, l-procedura mahsuba fl-Artikolu 836 ghandha tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawz*a "*Camilleri vs Govè et*" *deciza fl-10 ta' Mejju 2001 b'dawn il-kliem:*

"*mid-dispozizzjoni tal-ist*ess A*rtikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

*Tqis illi fl-ambitu tal-ezami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-procedura sabiex jigi accertat jekk l-ammont mitlub li jigi kkawtelat bil-Mandat huwiex gustifikat jew le, ikun xi jkun l-ezitu ta' dan l-ezami prima facie, kemm jekk tigi milqughha t-talba gha*r *revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tigix milqughha, dan bl-ebda mod ma jincidi fuq l-ezitu tal-kaw*z*a dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'kaz li tigi milqughha t-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat wara l-accertament prima facie li jrid isir skont din il-procedura, xorta wahda t-talbiet fil-mertu jistghu jirnexxu wara li jkunu nstemghu l-provi kollha fil-kawza propria bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'kaz li t-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat tigi michuda wara l-ezami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Ezami prima facie huwa wiehed preliminari, mhux fil-fond u jirreferi ghal dak li jirrizulta mad-daqqa ta' ghajn.*

Illi fid-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta' Dicembru, 2016 fl-atti tal mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1599/16 fl-ismijiet: Property F

Limited v. F. Media Operations Limited (C45411) u b'digriet tal-14 ta' Dicembru 2016 trid tinqara:
F. Media (Operators) Limited (C45411) gie ritenut hekk:

*Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed prima facie. Illi fil-kawza fl-ismijiet "Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et" tas-26 t'April 2002 per Onor Imhallef Dr. G. Camilleri intqal hekk:*

*"Skond l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

*Illi fid-digriet fl-ismijiet "Jc et vs Anthony Gove' et" tal-10 ta' Mejju 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace, u "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace inghad ukoll "li mid dispozizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad ged tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

*Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet "Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti" tas- 27 ta' Gunju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace inghad:*

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" - P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"*

*Vide ukoll ("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian" –tat-30 ta' Mejju 2002 per Onor Imhallef Dr. R. C. Pace) kif ukoll "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" tas-16 ta' Settembru 2002 per Onor Imhallef Dr. T. Mallia).*

Illi kif ritenut fid-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili prejeduta mill-Imhallef Tonio Mallia nhar il-5 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet Emanuel Sammut et v. Josephine Sammut:

*Issa, kif inghad minn din il-Qorti, fil-kawza Camilleri vs Govè et, deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, "li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu*

*jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentament jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar* ezami *jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza." (ara wkoll "P.J. Sutters* Co. *Ltd vs Consept Ltd" deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2001 u "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2001);*

Illi huwa evidenti illi dak illi qieghed jipprova jaghmel Jc huwa illi jikseb gudizzju anticipat fuq is-sitt eccezzjoni (fil-mertu) tieghu fejn jghid illi *kienet l-istess attrici li ghamlet talba lill-qorti li qed tisma' l-kawza numru 302/2012/AL biex tibdel l-iskola ta' fejn kien jattendi l-minuri u kienet hi ukoll li accettat li kwalsijasi spejjez taghmel tajjeb ghalihom hi ad eskluzjoni ta' zewgha irrispettivament minn dak li jistipula l-kuntratt ta' separazzjoni u dan sar permezz ta' dikjarazzjoni u obbligazzjoni li saret minnha stess fl atti ta' l-istess* kawza, *liema dikjarazzjoni tor*bot *lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjarju;*

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-bazi li fuqhom iserrah it-talba tieghu ghal revoka ma ghandhomx jitqiesu bhala validi billi huma fil-mertu u ghalhekk ir-rikors tieghu ghandu jigi michud;

2. L-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi Jc jibbaza t-talba tieghu ghal revoka, *inter ali*a, fuq l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima faci*e gustifikat jew ikun eccessiv;

Illi l-gurisprudenza tghallem illi l-Q*orti tifhem li l-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir ta' Mandat kawtelatorju taht din ir-ras huwa wiehed li jorbot il-kawzali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-*ewwel *lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex illikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu mahluf fil* M*andat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eccessiv, jehtieg li jintwera li dan ikun ezagerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'ghajn bhala wiehed maghmul b'mod azzardat;*

Illi gie deciz ukoll illi *hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bhala wiehed "eccessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mahsub li jhares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u c-cirkostanzi tal kaz*

*ma jistghux izewgu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit oghla minn dak li, mad-daqqa t'ghajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors ghat-thassir tal-Mandat li jkun izda, l-izjed, ghat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat* (ara d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' April, 2014 fl-ismijiet Rebecca Tiscio v. Robert Tiscio);

Illi jibda billi jinghad illi mill-hafna premessi u allegazzjonijiet maghmula minn Jc fir-rikors tieghu, huwa ma gab l-ebda xrara ta' prova illi turi illi t-talba ta' l esponenti hija ezagerata ossija tant ezagerata b'mod grossolan illi l-mandat *de quo* ghandu jigi revokat. Ladarba Jc ghogbu jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru in dizamina ghab-bazi ta' l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kellu jgib prova illi l-ammont indikat, mitlub u ikkonfermat bil-gurament mill esponenti fil-mandat ta' sekwetsru odjern huwa tant ezagerat b'mod grossolan illi l mandat *de qu*o ghandu jigi revokat. Jc ma ressaq l-ebda prova f'dan is sens, inkluz illi ma ressaq l-ebda kalkolu u l-ebda dokument kwalsijasi! Ovvjament huwa qatt ma impurtah mill-ispejjez marbuta ma' l-edukazzjoni ta' bin il-kontendenti u ghalhekk ma jistax jaghmel dan. Minn hawn biss dina l-Onorabbli Qorti ghandha tinduna x'tip ta' persuna huwa Jc: ma jridx l-obbligi legali u naturali tieghu izda jrid ifarfar minnhom;

Illi kuntrarjament ghal dak illi jaghmel Jc, l-esponenti ma taghmilx allegazzjonijiet imbaghad ma tissustanzjahomx. Sa minn qabel ma ipprezentat it-talba taghha ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru *de qu*o, hija ressqet il-provi fil-kawza fil-mertu u ghamlet w*orkings* u rcevuti illi jidhru fuq id-dokument hawn anness u immarkat bhala "Dokument NV1A, B u C" fejn jidher illi nofs l-ispejjez dovuti minn Jc u illi hija trid tikkawtela jeccedu ghaxart elf Euro (€10,000) u dan kif irrizulta anke fil-kawza pendenti;

Illi apparti minn hekk mill-ammont depozitat taht l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti illi suppost jikkawtela l-ispejjez ta' l-edukazzjoni, digà intlahaq ftehim illi l-esponenti tizbanka l-ammont ta' €1,155.95 rapprezentanti anteniment dovut minnu lilha ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru, 2020 kif jirrizulta mill-kopja tan-nota ipprezentata fl-atti tac-cedola relattiva kopja ta' liema hawn annessa u immarkata bhala "Dokument NV2" u ghalhekk l-ammont depozitat illum naqas,

Illi ghalhekk minn imkien ma jirrizulta illi l-ammont mitlub mill-esponenti mhuwiex gustifikat u huwa wiehed eccessiv kif ȷghid minghajr ma jissustanzja Jc;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment tirrileva illi ma tezisti l-ebda raguni sabiex il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jigi revokat ghab-bazi ta' l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Dwar l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi Jc isejjes it-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju wkoll fuq l-artikolu 836 (1) (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar meħtieġa jew ġustifikabbli;

*Illi fil-kuntest ta' din il-bażi legali gie deciz illi is-success jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex ragonevoli li mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati ezekutanti; Illi jinghad ukoll li id-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz - ara d-digriet moghti min dina l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Settembru, 2012 fl-ismijiet Ryan John Farrugia v. Olive Gardens Investments Limited et;*

Illi Jc ma jurix kif il-mandat in kwistjoni mhuwiex ragjonevoli jew aktar mehtieg u lanqas ma jghid x'inbidel wara l-hrug tal-mandat li jista' jwassal ghal bdil fic cirkostanzi mehtieg mill-gurisprudenza sabiex il-mandat jitnehha;

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni taht dan is-sub-inciz sabiex il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jigi revokat;

4. Dwar it-talba ghall-impozizzjoni ta' penali ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi Jc jitlob ukoll li l-esponenti tigi ikkundannata thallas penali ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap. 12 billi jallega li l-mandat d*e quo* sar b'malizzja u li c cirkostanzi finanzjarji tieghu mhumiex tali li kellhom jaghtu lok ghal xi dubbju dwar il likwidità tieghu jew il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas kemm-il darba jigi ikkundannat ihallas;

Illi qabel kollox tajjeb illi jinghad illi fid-digriet moghti nhar it-3 ta' Awwissu, 2018 fl-ismijiet Marco Bugelli v. Mark Micallef et gie ritenut illi: dw*ar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal penali irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa irid jintwera ghas sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi. F'dan il kaz, ir-rikorrenti ma jsemmu l-ebda wahda mill-erba' kawzali mahsuba. B'mod vag jallegaw biss li l-Mandat inhareg b'mod fieragh u abbuziv bhala estorsjoni; Illi dwar din ic cirkostanza, ir-rikorrenti tghid li l-hrug tal-Mandat kien malizzjuz frivolu u vessatorju. Il Qorti tqis li diga' ntwera li ma jistax jinghad li l-Mandat inhareg bi ksuñat jew minghajr ma*

*kien hemm ghalfejn – inhareg biex jigi mhares dritt li jidher li l* ***ezek****utant jidher mad-daqqa t'ghajn li tabilhaqq ghandu. Huwa minnu li l-ammont* ***issekwestrat huwa eccess****iv izda dan wahdu m'huwiex bizzejjed biex il-Qorti tikkonkludi li l-mandat inhareg b'hazen ghal raguni fiergha jew bil-hsieb wahdieni li jdejjaq lill-ezekutati;*

Illi fid-digriet moghti nhar it-30 ta' Dicembru, 2011 fl-ismijiet Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et v. Market Handle Limited gie ritenut illi: *Il-Qorti, fid diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi, izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista'biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz;*

Illi mbaghad ghal dak illi jallega Jc huwa kollox infondat billi l-esponenti ghandha dubji serji dwar il-likwidità u l-kapacità finanzjarja illi tant jghajjat biha kemm ghaliex kien huwa stess illi stqarr fil-kawza quddiem il-Qorti civili (Sezzjoni tal-Familja) illi ma jistax ihallas l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tat-tifel minuri u kellu l-wicc u l-ardir li jhalli lill-esponenti thallas kollox wahedha. Hemm ragunijiet ohra: l-esponenti ma irnexxillex tikkawtela l-ammont intier indikat bhala sorte li minnu nnifsu juri li ma hemmx likwidità kif qieghed jghid u inoltre Jc jinstab akkuzat bi traffikar ta' droga bil konsegwenzi kollha illi tali proceduri jistghu igibu maghhom fuq il-patrimonju tieghu. Inoltre biex tithallas arretrati ta' manteniment l-esponenti kellha taccetta illi tizbanka parti mill-ammont kawtelat b'dan il-mandat in konnessjoni mal-mertu ta' dina l-kawza;

Illi imbaghad dwar l-oneru tal-prova gie mbaghad ritenut hekk: *Illi dwar it-tielet cirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqitx provi jew argumenti tajbin bizzejjed biex turi li l-Mandat inhareg mill-ezekutanti b'hazen. Il-Qorti, f'dan il-kaz, timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruva*t;

Illi l-esponenti izzid tghid illi Jc jallega illi l-esponenti ghamlet il-mandat "b'malizzja" izda ma gab l-ebda prova dwar li ssostni l-allegazzjonijiet infondati maghmula minnu. L-allegazzjonijiet maghmula minnu zgur ma jwasslu ghall-ebda prova sabiex ikun hemm l-estremi biex l-esponenti tigi ikkundannata thallas penali talli ghamlet uzu leġittimu ta' ghodda li taghtiha l-ligi. Kwalunkwe raguni marbuta mal-mertu tal-kawza pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti jew quddiem xi Qorti ohra mhijiex raguni sufficjenti sabiex jintalab il-hlas ta' penali;

Illi Jc jghid illi huwa negozjant u l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni affettwalu anke l-kontijiet tan-negozju tieghu, ghandu jinghad illi hija gurisprudenza pacifika li l-mandati kollha, min-natura taghhom stess, huma tali li joholqu inkonvenjent izda b'daqshekk biss ma jkun hemm l-ebda raguni sabiex mandat jigi revokat. Il-fatt li bil hrug ta' mandat kawtelatorju jinholoq dizagju jew inkonvenjent lill-parti intimata la jfisser li tali mandat ghandu jitnehha wisq anqas li ghandha tinghata xi garanzija. Dan gie ritenut diversi drabi f'ghadd ta' digrieti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fost liema, id digriet moghti nhar il-5 ta' Lulju, 2013 fl-atti tar-rikors bin-numru: 263/2013/AF fl ismijiet Mario Saliba v. Paul Sammut et fejn inghad li: *Il-Qorti, inoltre tifhem illi kull mandat jikkreja diffikulta' u inkonvenient, pero' dan irid ikun dejjem bilanciat mad-dritt ta' kull parti f'kawzi li jikkawtela b'kull mod li taghtiha l-ligi d-drittijiet li ssostni li ghandha* u d digriet moghti nhar id-29 ta' Lulju, 2014 fl-atti tar-rikors bin-numru: 12/2014/AF fl ismijiet Multi Packaging Limited (C158) v. Mary Rose Pace f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' binha minuri Isaac Bajada u David Bajada, kemm personalment u kemm fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' Adrian Bajada fejn inghad ukoll li: *kull mandat ovvjament jikkreja inkonvenjent lid-debitur; dan pero m'ghandux ixejjen id-dritt ta' kull kreditur li jikkawtela lpretensjoni tieghu b'kull jedd li taghtih il-ligi;*

Illi ghalhekk certament ma hemm l-ebda lok ghall-impozizzjoni ta' xi penali kif jitlob Jc;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad ir-rikors ta' Jc ta' nhar l-4 ta' Lulju, 2020, bl-ispejjez.

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors b'urgenza ta' Jc datat 14 ta' Lulju 2020 fejn espona: -
Rat ir-risposta ta' Nv fejn esponiet :
Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta ta' l-04 ta' Dicembru 2020.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

KONSIDERAZZJONIJIET

**Il-Fatti**

Illi dan hu rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 64/20 li nhareg fuq talba ta' Nv sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha kontra s-sekwestrat ossia r-rikorrent Jc. Ir-rikorrent qed titlob it-thassir tal-mandat ta'

sekwestru a tenur tal-artikolu 836(1)(d) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi jissottometti li t-talba ghall-hrug tal-mandat hija frivola u vessatorja u dan in vista tal-fatt li Nv qed tippretendi li hu jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri Eric Camilleri, meta fl-10 ta' Ottubru, 2014 hija stess permezz ta nota konguntiva fl-att tar-rikors guramentat 302/12AL kienet obbligat ruhha li tkun "*esklussivament responsabbli ghal kwalunkwe spejjez relatati mal-edukazzjoni, transport u attivitajiet extrakurrikulari tal-mnuri gewwa Chiswick House School, sakemm il-minuri jibqa jattendi din l-iskola*."[1]

Isostni li in segwitu tan-nota konguntiva il-Qorti, fis-27 ta' Ottubru, 2014 stante l-ftehim bejn il-partijiet, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors. Jghid li hemm digriet iehor li jgib id-data 2 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti wara li laqghet it-talba ta Nv pero in linea mat-talba kontenuta fir-risposta ta' Jc[2] ordnatilha sabiex thallas l-ispejjez kollha ta' l-edukazzjoni tal-minuri Eric Vella f'St. Martin's College.

Minn naha taghha, l-intimata f'dawn il-proceduri, Nv issostni li hija intavolat kawza sabiex il-Qorti tbiddel, tirriforma u tvarja id-digriet tat-2 ta' Lulju, 2016. Tghid li hija kienet kostretta titghabba bl-ispejjez kollha sabiex binha Eric ma jitlifx l-iskola u dan minhabba li missieru Joseph Camillei ma riedx jikkontribwixxi ghal edukazzjoni tieghu. Tghid li rinfaccata b'dan ma kellhiex triq ohra ghajr li taccetta li thallas kollox hi. Issostni li fil-kuntratt ta seprazzjoni Jc kien intrabat li jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni.

**DRITT.**

Ir-rikorrent qed jinvoka l-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap 12 li jiddisponi li mandat jista' jigi revokat:

"**836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn irragunijiet li gejjin:**

**(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv;**

**(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli**".

---

[1] A fol 16 tal-process

[2] A fol 35 tal-process

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet [3]. Dan ifisser li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv[4].

Dan ma jfisser xejn ghajr li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-intimata sekwestranti ghandhiex bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti[5].

Fid-dawl ta dawn l-insenjamenti il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

Illi l-intimata sekwestranti qed tinvoka d-dritt taghha bbazat fuq klawsola pattwita fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn hemm stipulat li Jc ghandu jhallasha il-manteniment mensili u "*B'zieda ma dan il-manteniment, huwa ghandu wkoll ihallas nofs l-ispejjez ta edukazzjonji, sahha u attivitajiet extra kurrikulari fir-rigward tat-tifel.*"[6] Pero kif gia osservat l-istess Nv wara li gie ffirmat il-kuntratt ta seprazzjoni[7], b'nota fl-atti hija accettat li thallas l-ispejjez ta l-edukazzjoni kollha hi. Sussegwentement il-Qorti tat digriet fejn ordnatilha thallas hi dawk l-ispejjez . Dak id-digriet ghadu fis-sehh u konsegwentement hija ghad ghandha l-obbligu li thallas hi dawk l-ispejjez. Minhabba f'hekk f'dan l-istadju ma tesistix *prima facie* l-kawsali guridika ghat-talba ghall-hrug tal-mandat odjern u ghalhekk il-Qorti ser tilqa l-ewwel talba.

Il-Qorti hawnhekk tippreciza li mhix ser tidhol fil-kwistjoni dwar id-dritt sostantiv billi din tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Rigward it-tieni talba u cioe li tikkundanna lil Nv ghall hlas tal-penali taht l-Artikolu 836 (8)(c)(d) tal-Kap12, l-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 jipprovdi:

---

[3] Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd, Prim Awla, deciza 7 ta' Frar, 2001
[4] Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et, Kummerc, deciza 23 ta' Gunju, 1994
[5] Vincent Mercieca vs George Galea, Prim Awla, deciza 29 ta' Novembru, 2001 u
Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited" , Prim Awla, deciza 5 ta' Gunju 2007
[6] A fol 26 tal-process
[7] Il-kuntratt ta separazzjoni kien iffirmat fl-14 ta' Jannar, 2008

*"**Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz elenkat fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu imsemmi**.*"

Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali imposizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera wkoll ghas-soddisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Artikolu 836(8) jelenka erbgha c-cirkostanzi . Barra minn hekk ladarba hemm sanzjoni punittiva dawn ghandhom jitqiesu bhala tassattivi[8].

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Gie osservat[9] li *"…ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin;*

*l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur");*

*it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn"*

Huwa minnu wkoll li l-abbuz mill-procedura guddizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati id-danni dawn ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija flArtikolu 836(8), billi taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

[8] Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd." , Prim Awla, deciza 14 ta' Awwissu 2014
[9] Paul Attard noe. vs Loreto Abela" Prim Awla, deciza 25 ta' Mejju 2005

F'dan il-kuntest, il- principju huwa li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja[10]. Issa, fil-kaz odjern jirrizulta li fir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju pprezentat fis-06 ta' Lulju, 2020, l-intimata sekwestranti indikat l-indirizz taghha bhala "Perla", Triq Guzepp Grech, Xewkija, Ghawdex. Jirrizulta mbaghad li meta Jc gie biex jinnotifikaha ftit granet wara, bir-rikors ta revoka tieghu fl-indirizz moghti minnha stess, l-ewwel ma fetah hadd u mbaghad mat-tieni tentattiv fethet persuna ohra li gharrfet lill-marrixxal li hija kienet qed toqoghod hemm bil-kera. Il-Qorti tinnota wkoll li billi l-intimata sekwestranti naqset illi tindika l-indirizz fejn effettivament tirrisjedi fit-talba taghha ghal hrug tal-mandat odjern, ir-rikors ghar-revoka ta l-istess mandat kellu jigi notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni fit-30 ta Ottubru, 2020 u fil-11 ta' Novembru, 2020 u ppubblikat fil-gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Novembru, 2020 . Dan ifisser li ir-rikors ma setghax jigi appuntat ghal ben erbgha xhur shah bil-konsegwenza li fondi li jappartjenu lil Jc baqghu issekwestrati ghal tul ta zmien. Fid-dawl ta dawn il-fatti l-Qorti hija tal-fehma li dan l-agir da parti ta Nv jammonta ghall-malizzja li hija evidenti mill-kronologija tal-fatti.

Tenut kont ta dan kollu il-Qorti tqis li Nv agixxiet b'mod abbuziv, vessatorju u in *mala fede quindi* ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 836 (8) (d), il-Qorti hija tal-fehma li jezistu c-cirkostanzi li jiggustifikaw impozizzjoni ta' penali.

**Konkluzzjoni**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tilqa t-talbiet kif dedotti ghar-ragunijiet spjegati u in oltre tikkundanna lil Nv ghall-hlas ta €1500 penali.

L-ispejjez jithallsu minn Nv.

(ft.) Brigitte Sultana
Magistrat

(ft) Dorianne Cordina
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

[10] Spiteri vs Camilleri, Prim Awla, deciza 10 ta' Jannar 1992, u
John Zarb vs Port Cottonera Limited, Prim Awla, deciza 18 ta' Settembru 2002